MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 825/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)
vs**

**Mario Testa (ID506162M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' April, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm147.18), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 21386465 (A77683/89 a/c10121647).**
**Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas il-konvenut baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-7 ta' Lulju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm147.18) bl-imghax legali dekoribbli mil-lum, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------